

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Lulju 2007 (talba għad-deċiżjoni preliminari tal-Bundessozialgericht — il-Ġermanja) — Gertraud Hartmann vs Freistatt Bayern

(Kawża C-212/05) ⁽¹⁾

(Ħaddiem tal-fruntiera — Regolament (KEE) Nru 1612/68 — Trasferiment ta' domiċilju fi Stat Membru ieħor — Wieħed mill-konjuġi mingħajr impjeg — Sussidju għall-edukazzjoni — Għoti miċħuda lil wieħed mill-konjuġi — Benefiċċju soċjali — Kundizzjoni ta' residenza)

(2007/C 211/05)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundessozialgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Gertraud Hartmann

Konvenut: Freistatt Bayern

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundessozialgericht — Interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiem fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, p. 2) — Kunċett ta' ħaddiem — Uffiċjal Ġermaniż li ttrasferixxa d-domiċilju tiegħu lejn l-Awstrija filwaqt li baqa' jaħdem fil-Ġermanja — Rifjut li jin-għata sussidju għat-tfal (Erziehungsgeld) lill-mara tiegħu ta' naz-zjonalità Awstrijaka, li għandha d-domiċilju tagħha fl-Awstrija u li ma tipparrattika ebda attiività professjonali fil-Ġermanja — Benefiċċju soċjali

Dispożittiv

- 1) Ċittadin ta' Stat Membru li, filwaqt li żamm l-impjeg tiegħu f'dan l-Istat, ittrasferixxa d-domiċilju tiegħu fi Stat Membru ieħor u eżerċita, minn dak iż-żmien, l-attiività professjonali tiegħu bħala ħaddiem tal-fruntiera, jista' jipprevali ruħu mill-istatus ta' "ħaddiem immigranti" fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità.
- 2) F'ċirkustanzi bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 jipprekludi li wieħed mill-konjuġi ta' ħaddiem immigrant li jeżerċita attiività professjonali fi Stat Membru, li jkun mingħajr impjeg u li jirrisjedi fi Stat Membru ieħor, jiġi eskluż mill-benefiċċju ta' vantaġġ soċjali li għandu l-karatteristiċi tas-sussidju għall-edukazzjoni Ġermaniż minħabba l-fatt li huwa la għandu d-domiċilju u lanqas ir-residenza abitwali tiegħu fl-ewwel Stat.

⁽¹⁾ ĠU C 193, 6.8.2005.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Lulju 2007 (talba għad-deċiżjoni preliminari tal-Bundessozialgericht — il-Ġermanja) — Wendy Geven vs Land Nordrhein-Westfalen

(Kawża C-213/05) ⁽¹⁾

(“Ħaddiem fuq il-fruntiera — Regolament (KEE) Nru 1612/68 — Allowance tat-tfal — Għoti rriřjutat — Vantaġġ soċjali — Kundizzjoni ta' residenza”)

(2007/C 211/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundessozialgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Wendy Geven

Konvenut: Land Nordrhein-Westfalen

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundessozialgericht — Interpretazzjoni ta' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, p. 2) — Vantaġġ soċjali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-għoti ta' allowance tat-tfal (Erziehungsgeld) lil persuni li m'għandhomx ir-residenza permanenti jew ordinarja tagħhom fit-territorju nazzjonali, bil-kundizzjoni li jaqbuż l-livell minimu ta' 15-il siegħa xogħol fil-ġimgħa (Geringfügigkeitsgrenze)

Dispożittiv

L-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità ma jipprekludix l-esklużjoni, permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru, ta' ċittadina ta' Stat Membru ieħor li tirisjedi f'dan l-Istat Membru u li teżerċita fl-ewwel Stat attiività professjonali minuri (bejn 3 u 14-il siegħa fil-ġimgħa), mill-benefiċċju ta' vantaġġ soċjali li għandu l-karatteristiċi ta' l-allowance tat-tfal Ġermaniża għar-raġuni li hija ma kellhiex fl-ewwel Stat la r-residenza permanenti u lanqas r-residenza ordinarja tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 193, 6.8.2005.